MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2006

Numru 523/2005

Il-Pulizija
(Spettur Carlo Ellul)

vs

Alexander Schembri

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Alexander Schembri detentur ta' karta ta' identita' numru 500972(M) akkuzat talli ghal habta tal-4.55 p.m. fi Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera, saq xarabank numru FBY-653:

(1) b'manjiera traskurata; (2) perikoluza; (3) bla kont; (4) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi 'per

durata’ fuq il-persuna ta’ Mariella Formosa skond kif iccertifika Dr.C.Caruana M.D ta’ S.L.H; (5) bhala ‘bus driver’ naqas juri rispett lejn il-passigiera Mariella Formosa.

Il-prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament;

Semghet ix-xhieda inkluz l-imputat bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuza li fuqha tibbaza l-kawza hija dik tal-ferita gravi. Dan ghaliex il-kwerelanta tallega li sofriet il-feriti gravi minhabba u konsegwenza waqa’ li tattribwixxi ghall-agir tal-imputat billi tallega li saq ix-xarabank fil waqt li hi ma kinitx nizlet kompletament minnha. L-akkuzi l-ohra huma konsegwenzjali u jitnisslu minn dan il-fatt. M’hemmx kontestazzjoni illi fil-gurnata in kwistjoni l-kwerelanta kienet passiggiera u l-imputat kien ix-xufier. Lanqas mhi kontestata l-waqa’ li ssubit il-kwerelanta li l-imputat stess jirreferi ghaliha fix-xhieda li ghazel li jaghti quddiem il-Qorti. Hija d-dinamika tal-waqa’ li hija kontrastata fil-waqt li hemm provi sufficjentement cari li l-feriti riportati mill-kwerelanta kienu ta’ natura gravi ‘per durata’. L-imputat f’dan il-kuntest jghid li hu kien induna bil-waqa’ tal-kwerelanta li avveniet fuq barra tax-xarabank izda innota wkoll li hi qamet fil-pront u imxiet ‘l hemm. Da parti taghha l-kwerelanta tistqarr li waqt li qeghdha tinsel kienet lahqet poggiet saqajha l-lemenija fuq l-asfalt u kif kienet fil-procint li tnizzel saqajha tax-xellug ix-xarabank saqet u spiccat fl-art. Ziedet tghid li assistietha mara li giet mill-faccjata u sieghat wara flimkien mal-gharus taghha marret l-isptar ghall-kura fl-ghaksa u minn fejn irrizulta ksur

f'zewgt iswaba ta' saqajha. Difatti kellha tastejni li tmur xoghol ghal circa xahrejn.

Illi l-prova li kellha tipprokura l-prosekuzzjoni mhiex tant dik tal-waqa' li bhala fatt mhux kontrastata. Il-prova riedet tkun dik li lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli l-kawza taghha kienet l-agir inkonsult tal-imputat li saq qabel ma' l-kwerelanta kienet nizlet kompletament. Jigifieri jew l-waqa' kienet dovuta ghal 'casus' fl-liema kaz m'hemmx responsabbilta' fl-imputat jew kienet dovuta ghan-negligenza fejn allura l-imputat irid jirrispondi li kkawza l-feriti gravi. Fid-dawl tal-provi li gew prodotti jippermani d-dubbju dwar l-kawza proprja. Hemm is-segwenti fatti, imkien kontradetti, li jimmilitaw favur it-tezi tal-imputat li l-accident kien wiehed purament accidentali liema fatti huma li x-xarabank in kwistjoni kienet wahda tat-tip 'super low floor', b'bibien awtomatici li jinghalqu jew permezz ta' buttuna jew kif jinghafas il-'clutch' u di piu' li taqbad timxi biss meta l-bibien jkunu nghalqu. Fil-fehma ta' din il-Qorti, partikolarment dan l-ahhar fatt, jghati verosimiljanza ghall-fatt li l-kwerelanta waqghet minhabba kawza accidentali li teskludi n-negligenza tal-imputat.

Illi fid-dawl tal-fuq espost tiddecidi billi ma ssibx l-imputat hati u tilliberah minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------